# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar L-Erbgha, 24 ta' Ottubru 2001**

**Numru 49**

**Citaz. numru 971/93DS**

Charles Mizzi
vs
Godfrey Grima, u Mario Schiavone fil-kwalita` tieghu ta' Editur ta' "In-Nazzjon Taghna" u in rappreżentanza tal-istess

Illum, 24 ta' Ottubru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-12 ta' Awissu 1993 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-attur ghadu kemm gie mahtur membru tal-Awtorita' tax-Xandir;

Illi fil-harga tat-2 ta' Awissuu 1993 ta' "In-Nazzjon Taghna" li taghha l-konvenut Mario Schiavone huwa l-Editur, f'pagna 11 gie ippublikat artikolu miktub mill-konvenut Godfrey Grima (ara Dok. A) li bieh l-attur gie gravament ingurjat permezz ta' ghadd ta' allegazzjonijiet foloz, insinwazzjonijiet, innuendo, u kummenti ohra ingurjuzi l-istess ghall-attur, kif huwa dettaljatament specifikat fid-Dikjarazzjoni tal-attur annessa mac-citazzjoni
Illi fl-istess harga ta' "In-Nazzjon Taghna" fl-istess pagna gie ippublikat ritratt pjuttost "shady" tal-attur bi skop evidenti, u f'pagna 1 tal-istess harga tal-gurnal hemm miktub li l-konvenut Grima ighid l-affarijiet kif verament huma u skond ma jarahom hu, u li f'dak li huwa gurnalizmu zgur kullhad jaqbel li l-konvenut Grima huwa bilancjat;

Illi l-kitba de quo u r-ritratt imsemmi itellfu l-gieh tal-attur mal-pubbliku u gravament huma lesivi ghar-reputazzjoni tieghu, u ghalhekk jikkontravjenu l-provvediment tal-ligi tal-istampa;

talab lil din il-Qorti:

(a) tiddikjara li l-artikolu intitolat "Alfred Evelyn Sant Costa" miktub mill-konvenut Godfrey Grima u ippublikat mill-konvenut Mario Schiavone f'pagna 11 tal-"In-Nazzjon Taghna" tat-2 ta' Awissu 1993

jikkontjeni kitba li gravament tingurja lill-attur Charles Mizzi u tnaqqaslu l-gieh tieghu, u

(b) tiddikjara li l-konvenuti huma ghalhekk responsabbli ghal danni kkagunati lill-attur;

(c) tillikwida l-ammont ta' danni illi kull konvenut ghandu jhallas; u

(d) tikkundanna lill-kull wiehed mill-konvenuti ihallas dak l-ammont ta' danni hekk likwidati, lill-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

1. Preliminarjament illi l-konvenut Schiavone m'ghandux ir-rappresentanza tal-gurnal "In-Nazzjoni Taghna" u ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju f'din il-kwalita.

2. Fil-mertu illi l-artikolu in kwistjoni jikkontjeni allegazzjoni ta' fatti li l-eccipjenti lesti li jippruvaw il-verita' taghhom u kummenti li jammontaw ghall-"fair comment"

3. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-12 ta' Ottubru 1994 li permezz tieghu giet nominata l-assistenta gudizzjarja l-Avukatessa Dottor Maria Dolores Gauci sabiex tisma' x-xhieda u tircievi dokumenti;

Rat il-verbali kollha tax-xhieda u d-dokumenti esibiti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Ikkunsidrat illi:-

**PROVI**

F'din il-kawza xehdu kemm l-attur kif ukoll il-konvenut Godfrey Grima kif ukoll diversi xhieda prodotti minnhom.

Fis-seduta tat-2 ta' Mejju 1995, l-attur xehed li hu kien gie mahtur fil-21 ta' Lulju 1993, u dan mill-President ta' Malta fuq parir tal-Prim Ministru, sabiex iservi ghal sentejn bhala membru ta' l-Awtorita' tax-Xandir. Id-dokument tal-hatra gie pprezentat u mmarkat Dok. CM. Certament hu qatt ma kien ghamel talba sabiex jinghata din il-kariga.

Ghalkemm l-attur qabel illi Godfrey Grima kellu d-dritt ma jaqbilx ma l-ghazla li kienet saret ghal din il-kariga, hu sostna illi dan ma kellu l-ebda dritt jikteb artikolu mimli gideb u intiz bhala *character assassination.*

Mhux biss hu qatt ma kien skond dak li qal Godfrey Grima, *bully,* izda la qatt ma kien ufficjal jew impjegat tal-Partit Laburista u lanqas impjegat tal-Gvern Laburista, ghalkemm fi zmien il-Gvern Laburista hu kien membru ta' xi

Bordijiet tal-Gvern, fosthom it-Telemalta, il-Bord tal-Kuntratti u dak ta' l-NTOM. Hu kien ghamel zmien ukoll membru tal-kumpanija Magruvision.

Pero' zgur li qatt ma sar sinjur minn dawn l-inkarigi. Fil-fatt bhala membru tal-Bord tat-Telemalta hu kellu Lm500 fis-sena. Bhala membru tal-Bord tat-Tezor hu kien jircievi Lm3 ghal laqgha ta' erba' sighat u bhala membru tal-Bord ta' l-NTOM hu ma kien jircievi l-ebda remunerazzjoni.

Fir-rigward ta' l-allegazzjoni ta' nepotizmu, l-attur spjega li meta t-tifel tieghu applika b'success ghal mal-kumpanija tal-GWU, hu kien astjena milli jpoggi fuq il-Bord tal-Ghazla.

Ghal dak li kien jirrigwarda t-*television* u l-*video recorder* imsemmija minn Godfrey Grima, l-attur spjega li dawn kienu nxtraw minn Rose Advertising. Fil-fatt kienu nxtraw bil-permessi kollha u kien ukoll thallas id-dazju ta' 115%. F'dan ir-rigward l-attur ipprezenta sitt dokumenti flimkien immarkati bhala Dok. CM1.

Fuq il-kumment ta' Godfrey Grima li l-attur kellu zewg stabbli kbar ta' bini gewwa Wied il-Ghajn, l-attur stqarr, illi ghalkemm hu kien bena hames *flats* kif inghad, il-bini innifsu ma kienx xi wiehed ta' kobor kbir. Ghal dan il-ghan hu kien issellef minghand il-Bank of Valletta u dan anke wara l-bidla fl-amministrazzjoni, u sabiex hu seta' jhallas lura l-ammont misluf, it-tifla tieghu kienet hallsitu ghal wiehed minn dawn il-*flats* li hi riedet sabiex toqghod fih. Ghal dak li qal l-istess konvenut dwar l-argument li l-attur kellu ma' l-ex Ministru tal-Public Works Lorry Sant, dan ma kienx minnu u fil-fatt il-permessi relattivi kienu nhargu qabel il-bidla fl-amministrazzjoni. Hawnhekk l-attur ipprezenta diversi dokumenti in sostenn ta' dak li ntqal, immarkati Dok. CM2 sa Dok. CM4.

L-attur spjega kif hu kien gie mahtur bhala managing Director tal-Rose Advertising & Publishing Limited mill-Kunsill Generali tal-General Workers Union li kellha hamsin fil-mija mill-ishma. Spjega wkoll li ghalkemm ir-Rose Advertising Limited kienet taghmel xi xoghol ta' kumpaniji parastatali, ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni peress li x-xoghol taghhom kien jinqasam fuq kullhadd. B'hekk hu pprezenta Dok. CM5 li kienet turi li anke l-agenzija tal-konvenut Godfrey Grima kienet ghamlet xi xoghol. Lanqas ma seta' jinghad li din kienet taghmel pressjoni sabiex ir-reklamar isir minghandha u f'dan ir-rigward l-attur ipprezenta Dok. CM6 fejn jidher li kemm l-Enemalta u kemm l-Air Malta kienu rrifjutaw is-servizzi taghha.

Fir-rigward tax-xoghol ta' stampar, dan kien isir minn dawk l-istamperiji rakkomandati mill-klijenti. Ma kien hemm l-ebda stamperija misterjuza gewwa Zebbug kif allegat mill-istess konvenut jew li din kellha xi vantagg. Sakemm kien jaf l-attur, ma kienx hemm inkjesta mill-Gvern dwar it-tmexxija tal-kumpanija Rose Advertising & Publishing Limited.

Dwar l-incident gewwa Tienanmen fic-Cina, l-attur qal li minkejja l-hbiberija u l-konnessjonijiet li kellu mal-poplu Ciniz, fid-dehra li kellu fuq it-*television* fit-28 ta' Gunju, 1989, hu kien ikkundanna l-vjolenza li kienet sehhet f'dawk iz-zmenijiet. F'dan ir-rigward hu pprezenta Dok. CM7 li kien il-*video* relattiv.

Ghal dak li qal il-konvenut Godfrey Grima dwar il-karriera gurnalistika tieghu, l-attur qal li hu kien tassew sodisfatt bl-istess u kien gie ukoll finalista fil-BPC awards tal-Press Club fl-1990 u dan kif jidher mic-certifikat ipprezentat bhala Dok. CM8.

Fl-artikolu tieghu, Godfrey Grima talab lill-Dott. Alfred Sant sabiex jaghmel indagini dwar it-tahwid fil-kumpanija Rose Advertising & Publishing Limited. Pero' skond kif jidher mill-*annual return* tat-18 ta' Ottubru 1986, li kopja taghha ipprezentata bhala Dok. CM9, l-istess Dott. Alfred Sant kien direttur.

Qabel ma kien inkiteb l-artikolu in kwistjoni, l-attur kien wasallu illi Godfrey Grima kien qed idur xi individwi u jsaqsihom jghidulu xi haga kontra l-attur. Ghalhekk hu kien cempel lil Godfrey Grima u qallu li din tmur kontra l-etika gurnalista. Fil-fatt qallu wkoll li kien id-dover tieghu li jiehu l-opinjoni tieghu ukoll. Izda l-konvenut Grima kien arroganti u pastaz u qallu li hu u Mintoff ippruvaw joqtluh bil-guh u ghalhekk kien ser jikteb l-artikolu in kwistjoni.

L-attur spjega kif l-artikolu kien qanqal certu reazzjoni u bhala xhud ta' dan hu pprezenta Dok. CM10, estratt mill-gurnal "In-Nazzjon Taghna" tal-Gimgha, 20 ta' Awissu 1993, u tat-Tnejn 23 ta' Awissu 1993. Pero' kien hemm reazzjoni pozittiva wkoll, peress illi hu kien irceva diversi ittri u telefonati sabiex jinghata s-*support* morali u ghall-kundanna ta' l-artikolu in kwistjoni.

In kontro-ezami qal li kien xtara l-*video recorder* u t-*television* f'isem il-kumpanija Rose Advertising Limited ghall-uzu taghha.

Fis-seduta tal-25 ta' Mejju 1995 l-attur kompla jghid in kontro-ezami li meta bdiet topera Rose Advertising & Publishing Limited ghall-habta ta' Marzu, 1982, kien hemm diga' tlieta jew erba' *advertising agents* kbar fix-xena. Rose Advertising & Publishing Limited irnexxilha tiehu f'idejha madwar hamsin fil-mija tal-parastatali ghalkemm l-*accounts* il-kbar baqghu f'idejn dawk l-agenziji. Fosthom kien hemm l-Air Malta. Pero' l-Mid-Med Bank u l-Bank of Valletta kien gew f'idejn Rose Advertising Limited, ghalkemm kompetituri.

Bhala Managing Director, hu qatt ma kien irceva xi *complaints* dwar dan il-fatt u ghalkemm is-sitwazzjoni ma kinitx wahda regolari, kienet tahdem.

L-attur sostna li ghalkemm hu dejjem kien membru fil-kazin lokali tal-Partit Laburista, hu qatt ma kien involut fil-Malta Labour Party bhala ufficjal, fl-ezekuttiv jew fl-amministrazzjoni ta' l-istess.

Meta l-GWU xtaqet tifforma kumpanija gdida bl-isem ta' Ritescan, hu kien inkarigat sabiex jaghmel *feasibility study* u dak iz-zmien hu ma kienx jaf li kien ser jispicca jmexxi l-istess kumpanija. L-attur kien inhatar bhala membru tas-*selection board* inkarigat sabiex jaghzel il-persuni li kellhom jahdmu mal-kumpanija l-gdida Ritescan, izda hu kien ghamel talba sabiex jigi ezentat mill-inkarigu peress illi t-tifel tieghu kien interessat fis-sejha. Fil-fatt kien gie wkollipprezentat rapport fejn kien instab illi l-allegazzjoni ta' nepotizmu maghmula minn certu *shop steward* fil-laqgha quddiem Anglu Fenech kienet infondata. Fil-fatt l-attur kien sussegwentement gie mqabbad sabiex imexxi dik il-kumpanija. Ghalhekk fl-artikolu in kwistjoni tonqos il-verita' peress illi ma ntqal xejn dwar ir-rizultat ta' dik l-akkuza.

Fir-rigward tal-*video recorder,* hu kien talab il-permess relattiv minghand il-ministru responsabbli fl-1 ta' Marzu 1984. Il-permess relattiv hareg ftit jiem qabel ma siefer lejn l-Ingilterra. Il-*video recorder* inxtara fit-18 ta' Mejju 1984, u dahal xi xahar u nofs wara li nghata l-permess.

Il-*printing press* ta' Zebbug kien jisimha Alpha Print, propjeta' ta' l-Ispizjar Joe Camilleri u persuna ohra li l-attur ma setax jiftakar kunjomu, izda li kien jaf li kellu l-S Club. Joe Camilleri kien ukoll direttur tal-Mid Med Bank . Kienu jqassmu x-xoghol lil diversi stamperiji u din kienet wahda minnhom. Dan kien

isir abbazi ta' *quotation* l-aktar vantagguza u kultant ukoll skond l-ahjar servizz offrut. Il-*quotations* kienu jkunu kemm bil-miktub u kemm le.

Kien minnu li hu kien kellem lill-ex-Ministru Lorry Sant dwar il-permessi tal-bini gewwa Wied il-Ghajn, izda dan wara li kien dam madwar tlett snin jistenna. Hu "kien qalli li kwazi ma kienx jaf biha" u xi tlett jew erba' xhur wara bdiet il-procedura sabiex jinhargu l-permessi relattivi. Kienu nhargu l-permessi wkoll ghall-*flats* adjacenti u dan fl-istess zmien.

Hu minnu li hu u l-ex-Ministru Lorry Sant ghamlu zmien fejn kienu bierda izda dan ma kienx fuq il-kwistjoni tal-permessi u lanqas ma kellu x'jaqsam Lorry Pellegrini bhala medjatur fil-kwistjoni.

Fis-seduta tal-21 ta' Gunju 1995 xehed Tony Nicholl prodott mill-attur li qal li bhala direttur tat-Telemalta, l-attur kien jifforma parti minn sotto-kumitat li kellu x'jaqsam max-Xandir. Fil-fatt kullhadd kien ikollu *assignment.* Pero' ghalkemm ix-Xandir kien imdahhal mat-Telemalta, hu kien jopera indipendentement u kellu awtonomija kbira.

Kemm hu kif ukoll l-attur kienu skuntenti bil-mod li kienu qed jigu trasmessi l-Ahbarijiet ta' dak iz-zmien u fil-fatt kellhom diversi battibekki kbar nas-Sur Pellegrini li kien kap tax-Xandir. Pero' dan qatt ma kien jaghti widen ta' dak li kien jghid ix-xhud.

In-kontro-ezami ix-xhud iddeskriva it-transgressjoni ta' dak iz-zmien bhala incidenti gravi. Pero' s-Sur Pellegrini qatt ma kien gie mkecci, ghalkemm ix-xhud kien ghamel zmien ukoll ma jkellmux.

Xehed ukoll Anthony Brincat li kkonferma li hu kien inkarigat minn-*store* tal-GWU fejn jitqieghdu dokumenti antiki. Fuq talba ta' l-attur, Anthony Brincat kien fittex *quotation* moghtija minn Alpha Print Limited izda dan kien impossibli peress illi kienu mirduma u hu inoltre ma kellux access ghalihom.

Alfred Caruana xehed li hu kien senior executive fil-kumpanija Rose Advertising & Publishing Limited u parti minn xoghlu kien il-*printing* ghall-klijenti ta' din il-kumpanija u t-*tenders*. Ix-xhud spjega li Rose Advertising & Publishing Limited kienet tibghat zewg kopji tal-formoli specjali lil dawk l-istampaturi nteressati. Dawn kienu mbaghad jintbaghtu lura bil-prezzijiet relattivi u Rose Advertising Limited kienet tghaddihom kollha lill-klijent ghall-konferma.

Ix-xhud ikkonferma illi hu ma kienx jaf li d-direttur ta' l-Alpha Print kien direttur ukoll ta' Rose Advertising & Publishing Limited kif ukoll tal-Mid Med Bank.

Gew ipprezentati Dok. CM11 (il-licenzja Tad-Dipartiment tal-Kummerc), Dok. CM12 (l-ircevuta tad-Dwana), Dok. CM13 (kopja ta' l-artikolu dwar iz-zjara ta' l-attur fic-Cina) u Dok. CM14 (kopja ta' l-artikolu fejn issemma' is-CNN). L-attur spjega li sa dakinhar ma setax jinstab il-passaport il-qadim tieghu ghall-fini tal-konferma tad-dati meta hu kien mar l-Ingilterra.

Fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 1995 xehed il-konvenut li qal li s-suggett ta' l-artikolu tieghu ma kienx l-attur izda Alfred Sant. Fil-fatt l-artikolu ssemma "Alfred Evelyn Sant Costa". L-argument centrali fl-artikolu in kwistjoni kien illi ghalkemm Alfred Sant kien qed jaghmel xi tibdiliet, il-Labour Party kien ghadu jitmexxa mil-*leaders* ta' qabel. Fil-fatt il-hatra ta' l-attur kienet biss hatra kosmetika.

Il-konvenut Godfrey Grima spjega illi kull success li kellu l-attur kien sehh fl-ambitu tal-GWU li hi haga wahda mal-Labour Party u dan meta l-Labour Party kien fil-Gvern u ghalhekk hu wasal ghall-konkluzjoni li s-success tieghu kien dovut ghas-success tal-Labour Party.

Inoltre, filwaqt illi l-*policies* tal-Labour Party kienu per ezempju one man one job, l-iffrizar fuq il-pagi u l-iffrizar fuq il-promozzjonijiet, il-karriera ta' l-attur xejn ma batiet. Fil-fatt il-konvenut ghalhekk hass li hu kien aktar minn gustifikat meta qal li l-attur ra "l-istrutturi tal-partit bhala skalapiza".

Fir-rigward tal-kumment f'paragrafu (b) tad-dikjarazzjoni fejn intqal li hu jassocja lill-attur mal-bulijiet, dan intqal minnu peress il-mod ta' kif kien jopera l-attur kien proprju ta' *bully*. Bhala ezempju, il-konvenut semma' l-kaz ta' Rose Advertising & Publishing Limited li kienet fl-ewwel sena ta' l-operat taghha ghamlet tmienja u tletin elf liri Maltin. Il-kumpanija fil-fatt ma kellha lil hadd li jifhem fl-*advertising* u dan almeno f'dak li jifhmu n-nies bhalu li jinvestu f'kumpaniji simili. Pero' xorta din hadet mhux hamsin fil-mija ta' l-*accounts* tal-Gvern, izda mija fil-mija, inkluz iz-zewg banek li kienu kompetituri ta' xulxin, u dan minghajr ebda *tendering*. B'hekk dan ix-xoghol kien ittiehed permezz ta' sahha. Il-konvenut kien sahansitra jzur id-Dipartimenti tal-Gvern u l-banek u jghidilhom "ara ma jmurx xi hadd ikellem lil xi agenzija".

Dawk id-ditti li kienu bdew jahdmu b'Rose Advertising Ltd kienu bdew jivvintaw kif jonfqu l-flus. Ghalhekk fil-fatt hu kien talab li jara l-kotba ta' din il-kumpanija.

Kazijiet ohra ta' bullying kien dak fejn il-haddiema tatr-Telemalta u tax-Xandir li kienu hargu b'*strike* fil-gurnata ta' l-Imnarja kienu gew imkeccija, sospizi jew inghataw *transfers*.

Il-konvenut Godfrey Grima spjega kif fl-artikolu hu ma qalx kif allegat mill-attur f'paragrafu (c) tad-dikjarazzjoni tieghu, illi lill-istess attur kienu akkuzawh b'nepotizmu taht il-Gvern Laburista, izda illi "sa spicca nghata anke dik l-akkuza l-aktar mishuta mis-Socjalisti, in-nepotizmu". Dan kien fir-rigward tat-tifel ta' l-attur fejn il-haddiema tal-Union Press kienu lmentaw ghall-fatt illi dan kienu diga' wittewlu t-triq sabiex imur jahdem mar-Ritescan. Meta qamet il-kwistjoni fil-Works Committee, kienu telghu ikellmu lil Anglu Fenech u meta sahan l-argument, l-attur kien hedded li jitfa' t-teapot lejn Lewis Fenech u sahansitra anke li joqtlu. Kien hemm ukoll rapport fil-gazzetti dwar dan. Dan kollu hu xhieda li l-attur hu *bully*.

Fir-rigward tal-kumment dwar l-irregolarita' ta' importazzjoni ta' *video recorder* u *television* kif imsemmi wkoll f'paragrafu (e) tad-dikjarazzjoni ta' l-attur, il-konvenut spjega li l-permess ghall-importazzjoni hareg wara li dawn kienu gew importati hawn Malta. Inoltre l-attur kien xtara wkoll *cordless telephone* u *television* tal-kulur tad-ditta Sharp li mhux inkluzi fil-permess. Spjega wkoll li l-agenzija tieghu li kienet taghmel ir-reklami tal-Coca Cola kellha bzonn ukoll *video recorder* izda ghalkemm hu kien ghamel minn kollox, qatt ma nghata permess ta' importazzjoni ghalih.

Dwar paragrafu (f) tad-dikjarazzjoni ta' l-attur u cioe' it-tilwima li l-attur kellu ma' l-ex ministru Lorry Sant, il-konvenut irritjena illi hu ma kienx qal li l-attur kien "inghata permess fejn ma kienx hemm ghalfejn jinghata permess" izda biss illi dan ma riedx johroglu permess peress illi l-art ma kienitx fl-iskema. F'dan ir-rigward kien ikkonfermalu l-istess Lorry Sant waqt konverzazzjoni telefonika

illi kien veru li l-attur kien merfugh mieghu.  Ronnie Pellegrini kien ukoll ikkonferma illi kien hu li ghamilhom paci.  Ghalhekk xogholu kien ghamlu fis-sens li hu kien fittex jara x'kienet is-sitwazzjoni.

Dwar il-paragrafu (h) fid-dikjarazzjoni ta' l-attur, il-konvenut spjega li hu ma kienx qal dan fl-artikolu in kwistjoni.

Fir-rigward ta' paragrafu (i), lanqas ma qal hekk il-konvenut fl-artikolu msemmi ghax skond dan il-kumment wiehed jasal biex jahseb li kien l-attur stess li kien ibaghbas il-kontijiet.  Hu fil-fatt qal li "Ma jaghmlux hazin il-banek ifittxu x'kontijiet kienu jintbaghtulhom".

Dara il-paragrafu (j), il-konvenut ighid illi aktar ma jghaddi z-zmien, aktar il-*printing press* indikata qeghda ssir misterjuza,  Irrizultalu illi din il-kumpanija qatt ma ezistiet bl-isem Alpha Printing Company Limited.

Fuq il-paragrafu (k) il-konvenut qal li l-attur ma kienx marbut ma gurnalizmu "spettakolari".  L-attur fil-fatt qatt ma kien kiteb linja wahda a favur il-konvenut li kien spicca meta kien gurnalist fl-1972 diehel u hiereg id-Depot tal-Pulizija, ittella' l-Parlament u sahansitra msawwat kemm-il darba.  Lanqas qatt ma kiteb sabiex jikkundanna dawk l-atrocitajiet.  Ghal dak li sehh gewwa Tienanmen fic-Cina, ghalkemm l-attur kien zar ic-Cina hu kien baqa' b'halqu maghluq.  Dan ghax kien membru tal-Maltese Chinese Friendship Society, liema tip ta' organizzazzjoni ma tattirax normalment gurnalisti serji.  Dwar l-istorja tas-CNN, il konvenut rettorikament staqsa jekk hu bhala gurnalist li kellu certu ghejra ghar-reputazzjoni kellu joqghod fuq dak li jghidulu n-nies.
Sussegwentement fis-seduta tat-23 ta' Novembru 1995 il-konvenut Godfrey Grima in kontro-ezami xehed li hu ma jiftakarx illi xi darba kienstieden lill-attur sabiex jahdem mieghu.

Il-konvenut ikkonferma illi dak iz-zmien hu kien jaghmel xi xoghol ghal Mid Med Bank. L-*accounts* li kellu mal-PBS kien hadhom permezz ta' offerta. Pero' f'dak li jirrigwarda t-temp li hadd ma riedhom ghax kien jinvolvi xoghol is-Sibt, il-Hadd u l-Festi, dan hadhom wara negozjati mas-Sur Flamini li kien habib personali tieghu.

Il-konvenut kien konxju tal-fatt illi l-ikbar *accounts* tal-parstatali kienu jinhadmu minn kumpanija wahda biss u dan hu kien ikkundannah fuq it-*television*.

Fis-seduta tas-26 ta' Jannar 1996, xehed John Cassar White li kellu l-kariga ta' General Manager Finance Mal-BOV li kienet appuntat lil Rose Advertising & Publishing bhala agenti tal-*printing*. Meta jinqala' l-bzonn ta' *printing* huma kienu jibghatu rikjesta lil din il-kumpanija li maghhom kellhom arrangament fis-sens li kellhom jipprezentawlhom minimu ta' tlett *quotations* ghal kull ordni maghmula. Il-Bank kien jaghmel l-ghazla tieghu abbazi tar-rapport u jinnotifikaw lil Rose Advertising & Publishing Ltd bl-ghazla tieghu. Dawn kienu jahdmu mbaghad id f'id mal-*printers*. Kien hemm risoluzzjoni fl-1982 li ghaddiet mill-Executive Committee tal-Bank ta' dak iz-zmien illi Rose Advertising Limited kellhom jinhatru bhala *advertising agents* u kellhom ikunu responsabbli wkoll ghall-*public relations services* tal-BOV. F'wahda mill-laqghat fejn ittiehdet wahda mid-decizjonijiet dwar l-*advertising*, il-Kumitat kien maghmul minn Gontram Borg bhala chairman, Vincent Farrugia bhala Direttur, Dennis Sammut bhala Direttur, Denis Degorgio bhala General Manager, filwaqt li Edward Abela bhala General Manager ta' l-Administration kien imsiefer. Ix-xhud kien is-Segretarju.

Dan kien sar mhux permezz ta' *tender* izda bhala policy tal-Bank. Dak iz-zmien il-Gvern kellu l-akbar ishma fl-istess Bank u ghalhekk il-maggoranza tad-diretturi kienu jigu mahtura mill-Gvern.

Ghalkemm kienu jafu li Rose Advertising & Publishing Limited kienu jaghmlu xoghol ukoll ghall-Mid Med Bank, dan ma kienx jirrizulta mid-dokumenti. Lanqas irrizulta mir-records ta' l-Executive Committee li kienet saret xi oggezzjoni fir-rigward.

Ix-xhud ma setax isib fost id-dokumenti tieghu, profil tal-kumpanija Rose Advertising. Pero' seta' jiftakar illi din kienet kumpanija gdida li kienet timpjega nies b'esperjenza fil-*media*.

Ix-xhud ikkonferma illi l-*advertising account* tal-BOV fl-ahhar sena meta Rose Advertising Ltd kienu l-agenti taghhom kien fl-ammont ta' tmenin elf liri Maltin (Lm80,000).

In kontro-ezami qal li bhala segetarju tal-Executive Committee seta' jikkonferma illi ma setax jiftakar li kien hemm xi lment dwar ix-xoghol ta' Rose Advertising & Publishing Ltd.

Fis-seduta tas-26 ta' Jannar 1996 xehed Louis Fenech li qal li illum kif ukoll fil-passat hu kien *shop steward* fil-*printing press* mal-GWU. Ix-xhud qal li hu qatt ma kellu xi jghid dwat it-tifel ta' l-attur.

Fis-seduta tat-8 ta' Marzu 1996 xehed l-ewwel Mario Tabone. Huwa qal li kien Senior Supervisor mal-Mid Med Bank u gie inkarigat sabiex jesebixxi d-dokumenti msemmija fis-seduta ta' qabel din. Ix-xhud ipprezenta Dok. MT

konsistenti f'tlett faccati fejn hemm indikat il-pagamenti li saru mill-Bank lil Rose Advertising Ltd bejn 1983 u 1987 u Dok. MT1 konsistenti fi hmistax il-faccata u li hu ezempju ta' kif kienet issir ordni ghal *printing* ma' Rose Advertising & Publishing Ltd.

Ix-xhud spjega li kien hemm drabi fejn il-Bank ma kienx strah fuq ir-rakkomandazzjoni tar-Rose Advertising & Publishing Ltd.

John Cassar White ta diversi figuri fir-rigward ta' l-ammonti li ntefqu mill-Bank fuq *advertising* u *printing & stationery* bejn 1983 u 1987.

Tony Debono ikkonferma illi l-kariga tieghu kienet ta' Chief Executive mat-Telemalta. Hu pprezenta dokument immarkat bhala Dok. TD li kien jirrispondi r-rikjesti maghmula fl-ingunzjoni.

Mill-minuti tal-Board of Directors. Ix-xhud kien jirrizultalu li l-istess Bord kien qabel fil-principju ma' l-offerta maghmula minn Rose Advertising Ltd fir-rigward tas-servizzi li din kienet tofri u fil-fatt fit-2 ta' Gunju 1982, il-Bord kien appunta lill-kumpanija. L-ittra ta' l-*appointment* kien harigha l-General Manager ta' dak iz-zmien, cioe' Salvu Fenech.

F'seduta mizmuma quddiem il-Qorti fl-10 ta' Lulju 1997 xehed mill-gdid Louis Fenech prodott mill-konvenut li ftakar illi kien issemma' t-tifel ta' l-attur f'certu laqgha li saret fis-6 ta' Gunju 1991, bejn is-Shop Steward u l-Management tal-Union u d-dikors kien fis-sens illi dan kien ser jahdem mar-Ritescan. Xi hadd kien esprima l-biza' li dan seta' jinfluwenza d-decizjoni tal-missier fl-ghoti tax-xoghol. Dan pero' ma kienx irrizulta.

Ix-xhud kien hass illi l-attur kien qed jahseb illi kien qed isir certu rezistenza kontra l-kumpanija l-gdida Ritescan li tiehu certu xoghol minflok il-Union Press, u dan peress illi kien hemm involut it-tifel tieghu. F'hin minnhom l-attur kien qam bir-rabja u telaq 'il barra filwaqt li kien laqat il-mejda u b'hekk kien inqaleb xi *tea pot*. Fl-ebda mument ma kien inxtehet it-*teapot* mill-attur.

Xehed ukoll l-attur li qal li fiz-zmien li kienet saret l-imsemmija laqgha, hu kien General Manager tal-Union Press. Il-Bord tad-Diretturi kienu ddecidew illi tinholoq kumpanija kummercjali bl-isem ta' Ritescan sabiex jibdew isiru *colour separations*. Peress illi kienet saritlu offerta fir-rigward tat-tmexxija ta' din il-kumpanija l-gdida u peress illi hu ma kienx kuntent mal-Union Press, l-attur ghalhekk beda jmexxi din il-kumpanija. Meta t-tifel tieghu kien urieh ix-xewqa li japplika ghal impjieg mar-Ritescan, l-attur kien talab lill-Anglu Fenech sabiex hu ma jkunx involut fis-selezzjoni ta' l-impjegati. Ghalkemm hekk kien gara, it-tifel tieghu xorta kien gie maghzul u dan xejn aktar hlief minhabba l-kapacitajiet ta' l-istess.

Il-laqgha li ssemmiet mix-xhud l-iehor Louis Fenech, kienet intiza sabiex jispjegaw id-decizjoni ghalfejn kienet infethet kumpanija gdida. Izda waqt il-laqgha fl-ebda hin l-attur kien gie mghajjar b'nepotizmu. Pero' kien hemm xi hadd li kien qal li hu kien responsabbli ghall-fatt li certu haddiema tal-Union Press ma kinux gew imhajra japplikaw mar-Ritescan. Ix-xhud ftakar li kien hemm fil-fatt xi hadd li kien irtira l-applikazzjoni tieghu izda l-akkuza tant irrabjatu li kien telaq 'il barra u hemm forsi seta' laqat il-mejda. Sa dakinhar ma kinitx saret l-ghazla ghall-haddiema kollha. Fil-fatt it-tifel tieghu kien dahal wara dik id-data u baqa' jahdem hemm sallum.

Fis-seduta tal-25 ta' Frar 1998 xehed Ronnie Pellegrini prodott mill-konvenut li qal li ma jiftakarx li l-attur u l-ex Ministru Lorry Sant kienu ghamlu xi zmien

miksurin. Hu cahad li xi darba qal lill-konvenut Godfrey Grima li kien fil-fatt irrangahom.

Fis-seduta tas-27 ta' April 1998 il-konvenut ikkonferma dak li kiteb fl-artikolu in kwistjoni fir-rigward tad-dizgwid li kien hemm bejn l-attur u l-ex-Ministru Lorry Sant dwar il-permessi tal-bini gewwa M'Scala. Fil-fatt dak kollu li hu kien kiteb fl-artikolu kien qalulu Ronnie Pellegrini.

Mix-xhieda ta' l-istess Ronnie Pellegrini irrizulta illi ghalhekk l-attur u l-ex Ministru Lorry Sant kienu hbieb. Ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn li l-attur jitlob permess biex imur jarah meta l-ex Ministru kien ma jiflahx.

Il-konvenut esebixxa Dok. GG b'sitt faccati li huma artikoli miktuba mill-attur.

Xehed ukoll l-attur in kontro-ezami li kkonferma illi hu kien membru tal-Contracts Committee qabel il-kwistjoni tal-permessi fuq l-art gewwa M'Scala, cioe' bejn 1973 u 1975. Hu kien fuq il-Bord tat-Telemalta, Managing Director fir-Rose Advertising & Publishing Ltd, fl-1991 fuq l-Awtorita' Tax-Xandir fejn ghadu sallum, General Manager mill-1990 mal-Union Press u sussegwentement Managing Director sallum mar-Ritescan. Hu kien ghamel xi sitt xhur membru tal-Bord ta' l-NTOM u xi zmien direttur tal-kumpanija Magrovision fejn kellha xi ishma t-Telemalta.

Mill-affidavit ta' l-attur immarkat Dok. ZY, jirrizulta li qal li l-konvenut kien hajru jahdem flimkien mieghu bhala gurnalist mal-"Haddiem", kif ukoll mal-kumpanija tieghu li kien jisimha l-"Associated News".

L-attur spjega kif matul l-impjieg tieghu mal-Gwu mill-1962, meta dahal bhala *reporter,* hu kien hadem taht hames Segretarji Generali u dan dejjem minghajr

problemi. Il-konvenut Godfrey Grima ma kienx ipprova illi l-attur kien ha xi promozzjoni li ma kenitx tisthoqqlu u dan bhala favur jew ghax l-attur kien opportunist. Fil-fatt lanqas ma gab prova li hu kien ha xi favur bis-sahha tal-Labour Party jew ta' xi ufficjal tal-Gvern Laburista kif allegat fl-artikolu.

Hu kien jaghti diversi kontribuzzjonijiet fuq Super One Radio u dan minghajr hlas. L-istess seta' jghid fir-rigward ghall-ghajnuna li kien jaghti fil-kampanja elettorali tal-Partit Laburista.

Fir-rigward tal-hatra tieghu fuq il-Bord ta' l-Awtorita tax-Xandir, dan sar mill-President tar-Repubblika bi qbil mal-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Oppozizzjoni u dan ghal darbtejn ohra konsekuttivi. Kien ukoll gie maghzul bhala Acting Chairman ghal darbtejn u dan fi zmenijiet difficli.

L-attur sostna li kienet gidba l-allegazzjoni li hu kien tela' xi skalapiza abbazi tal-fatt illi s-successi tieghu personali kienu marbuta mas-successi tal-Gvern Laburista u hawn ghamel riferenza ghall-fatt illi hu kien gie promoss ghal General Manager mal-Union press u sussegwentement Managing Director tal-Kumpanija Ritescan Co Ltd meta l-Partit Laburista kien fl-Oppozizzjoni. Fiz-zmien sebghin meta l-Partit Laburista kien fil-Gvern, l-attur qal li hu qatt ma kien membru ta' aktar minn zewg Bordijiet fl-istess zmien.

Fir-rigward tal-kumment tal-konvenut Godfrey Grima dwar l-*advertising* li kien isir mar-Rose Advertising Ltd, l-attur innega li hu kien mar f'xi dipartiment tal-gvern bil-ghan li jhedded lil xi persuna. Anzi, hu dejjem uza dak li sejjah il-kordjalita'.

Il-blokk ta' *flats* li ghalih sar riferenza fl-artikolu in kwistjoni, l-attur bnieh ghat-tfal u ghalih u dan bhal ma jaghmel kull cittadin iehor.

Ghalkemm il-konvenut Godfrey Grima xehed illi fl-ewwel sena tal-qliegh taghha r-Rose Advertising Ltd ghamlet ma' Lm38,000, skond *l-audited accounts* li pprezenta l-attur, din ghamlet Lm12,767.

L-attur xehed illi meta twieldet Rose Advertising Ltd, kienet qeghda ssir kampanja ta' bojkott mill-Partit Nazzjonalista kontra x-Xandir Malta u ghalhekk kien hemm struzzjonijiet fis-sens illi l-*advertising agencies* kellhom jippartecipaw f'dan il-bojkott ukoll.

Ghal dak li ntqal dwar ir-reazzjoni ta' l-attur tal-massakru ta' Tienanmen Square, l-attur stqarr li hu kien deher fuq it-televizjoni Malti fejn kien ikkundanna din il-vjolenza.  Fil-fatt l-attur kien ipprezenta *video* bhala prova.

L-attur qal li ma kienx veru li hu xtaq inehhi lis-Sur Pellegrini minn fuq ix-Xandir, ghalkemm ma kinitx ta' l-ewwel li hu hareg 'il barra mill-laqghat tal-Bord u dan peress li kien ihoss illi s-Sur Pellegrini ma kienx jirrispetta lill-istess Bord.  L-attur stqarr li hu kien oggezzjona ghall-fatt li kienu jsiru programmi politici, kif ukoll li fl-ahbarijiet ma kellux jissemma' l-isem tal-Kap ta' l-Oppozizzjoni.

Dwar l-incident bejn il-management u lis-staff, dan kienu kkummentaw l-Alternattiva u wara li kien ha passi kontra dak il-gurnal, kienet saret apologija u fil-fatt din hi esebita bhala Dok. 10.  Illum il-GWU ghandha policy li tghid li tfal ta' impjegati taghha jinghataw priorita' fl-impjieg jekk dawn ikollhom il-kapacita' u l-kwalifiki necessarji.

Dwar l-istamperija misterjuza taz-Zebbug, wara ricerka li kien ghamel l-attur dan seta' jikkonferma li fil-fatt din kien jisimha Pentagraph Printers Ltd. Il-kumpanija hi registrata bin-numru C5450.

Ghalkemm Godfrey Grima kien iddikjara illi qed jdur ma' persuni ohra li kienu qeghdin jahsbu ghal rashom, fil-fatt dan kien kiteb biss xi erba' artikoli ohra u dawn ma kinux jikkoncerna xi persuna.

KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT

Gurisprudenza recenti tal-Qorti Ewropeja wessghet sensibilment l-areja ta' legittimita` tad-dritt ta' espressjoni kif dik kienet delimitata mil-ligijiet u l-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati specjalment ghal dak li huma d-drittijiet ta' espressjoni permezz ta' l-Istampa (**Anglu Fenech pro et noe vs Carmelo Callus et**, Qorti ta' l-Appell, 4 ta' Frar 1994, Vol. LXXVIII.ii.48).

Fil-kawza msemmija gie ezaminat id-dritt ta' espressjoni f'socjeta` demokratika b'riferenza partikolari ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja, wara li gie specifikat illi l-qrati taghna ma jgawdux pozizzjoni ta' pre-eminenza gerarkika fid-decizjonijiet taghhom u ghalhekk gie studjat jekk ghandhiex issegwi fil-gurisprudenza taghha dik tal-Qorti Ewropeja u jekk le taghti r-ragunijiet ghaliex se tiddipartixxi minnha. Saret ukoll id-distinzjoni bejn id-dinja politika f'din il-materja u l-bqija ghal dak li jinteressa d-drittijiet ta' espressjoni permezz ta' l-istampa li kemm-il darba dahlu fihom il-Qrati taghna. Ma' din id-dinja politika giet ukoll assimilata d-dinja sindakalista, specjalment f'dawk il-kazijiet fejn it-Trade Union tidhol *tout court* fil-lotta politika. Il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li fil-kaz ta' konnessjoni ma' l-arena politika, id-dritt ta' l-espressjoni jrid jigi ttollerat fi grad aktar mis-soltu u min-normal.

Fil-kawza fl-ismijet **L-Onorevoli Lorry Sant M.P. vs Victor Camilleri et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Frar 1994 (Vol. LXXVIII.ii.67) gie ritenut li l-Qorti ghandha tippermetti latitudni fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa imma wkoll azzardata entro l-limiti accettati tad-decenza, permissibbli f'socjeta` demokratika fejn:

1. il-persuna li lejha tkun indirizzata l-kritika tkun ta' certa notorjeta` pubblika;
2. il-kritika tkun ta' interess pubbliku anki jekk tikkoncerna l-hajja privata tal-persuna pubblika;
3. il-kritika tkun ibbazata fuq u mibnija madwar **fatti li jkunu sostanzjalment veri**.

Il-Qorti kompliet tghid f'dik il-kawza li "l-oneru tal-prova li s-suggett li dwaru nkiteb hu wiehed ta' interess pubbliku, li fatti u li fuqhom hu bbazat l-artikolu huma veru u li d-diskors jikkostitwixxi *fair comment* fuqu, jinkombi fuq il-konvenuti. Il-konvenuti jridu jippruvaw:-

a. *That the statements of fact are true or that there has been no misstatement of facts in the statement of the materials upon which the comment was based and;*
b. *That the comment based on such facts is warranted in the sense that fair minded men might buona fide hold the opinion expressed upon them.*"

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Mario Schiavone fis-sens li m'ghandux ir-rapprezentanza tal-gurnal "In-Nazzjon Taghna": Ma ngabet l-ebda prova dwar din l-eccezzjoni. Sahansitra fid-dikjarazzjoni guramentata annessa

man-nota ta' eccezzjonijiet ma jaghmel l-ebda riferenza ghal dan il-punt. Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni hi michuda.

Fil-mertu: M'hemmx dubju li l-attur huwa ta' certu notorjeta` pubblika u li kritika bhalma hi dik li saret fl-artikolu in kwistjoni hija ta' interess pubbliku. Izda jkollu jinghad li l-konvenuti ma ppruvawx l-veracita` tal-fatti kollha allegati fl-artikolu in kwistjoni. M'hemm l-ebda dubju li l-prova tal-fatti jinkombi fuq il-konvenuti (Ara wkoll **Onorevoli Manuel Borda vs Onorevoli Salvu Sant** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Jannar 1990 fejn intqal: *"Il-verita` ta' dak li gara ghandu l-obbligu li jistabbiliha u jipprovaha l-konvenut. Dan xehed fuq il-fatt imma rrifjuta li jinguni xhieda tal-fatt biex ma jimplikahomx fil-kwistjoni. Dan l-atteggament tal-konvenut ghandu naturalment il-konsegwenza procedurali ta' nuqqas ta' prova".*). Hekk per ezempju ma giex pruvat li l-attur huwa xempju ta' dawk li ffangaw fil-gid, li kien hati ta' nepotizmu, li kien hemm xoghol ta' stampar fi stamperija f'Haz-Zebbug bil-bibien maghluqa ta' proprjetarji misterjuzi, u li l-gurnalizmu tieghu kien joffendi l-valuri ta' kull gurnalist li jipprattika l-professjoni minghajr biza' u pregudizzji. Konsegwentement ma jistax jinghad li l-kummenti maghmula jammontaw ghal *fair comment*. F'kawza ohra deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 ta' Frar 1994 fl-ismijiet **Dr. Alfred Sant M.P. vs Hector Bruno**, intqal li *"jekk il-konvenut ma jipprovax il-verita` ta' dak li hemm ikkontenut fl-artikoli ccitati ... hu, bhala editur tal-gazzetta in kwistjoni, ikun hati ta' malafama u fl-istess hin id-difiza ta' fair comment ma tistax tirnexxi billi tali kummenti jridu jkunu fuq fatti sostanzjalment veri".*

Naturalment l-artikolu jrid jittiehed fl-entita` tieghu u ghalkemm ma saritx riferenza diretta ghall-attur f'uhud mill-kummenti li ghamel il-konvenut Godfrey Grima, certament ikun insult ghall-intelligenza ta' kull qarrej li wiehed ighid li dawn m'ghandhom xejn x'jaqsmu ma' l-attur. Mill-mod li hu miktub

l-artikolu in kwistjoni, jidher car li l-karattru principali ta' l-artikolu mhuwiex l-Onorevoli Alfred Sant izda l-attur innifsu. Fil-fatt ghandu jinghad ukoll illi minn dak li rrizulta mill-provi u mit-ton u l-kontenut ta' l-istess artikolu, jidher illi dan il-kontribut kien wiehed principalment ispirat mill-impatt li hallew grajjiet fil-passat fil-qasam ta' l-*advertising* fejn kien ukoll involut l-istess konvenut Grima.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li jezistu l-elementi rikjesti mil-ligi li jintitolaw lill-attur li t-talba tieghu tigi akkolta.

M'hemmx dubju li t-talba tieghu ghad-danni hi bazata fuq id-dritt tieghu kif imnissel mill-artikolu 28 tal-Kap 248. Il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-*quantum* li ghandu dritt ghalih l-attur. Wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-komplessita` kollha ta' fatturi tal-kaz u l-gurisprudenza suriferita senjatament b'applikazzjoni tal-principji stabbiliti fil-kawza fl-ismijiet **L-Onorevoli Lorry Sant vs Victor Camilleri et**, hi tal-fehma li huwa pjuttost indikat illi l-ammont ta' danni ghandu jkun wiehed simboliku u ghalhekk qed tillikwida d-danni fl-ammont ta' mitejn liri Maltin (Lm200).

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici, u ghalhekk:

(1) tiddikjara li l-artikolu intitolat "Alfred Evelyn Sant Costa" miktub mill-konvenut Godfrey Grima u ppubblikat mill-konvenut Mario Schiavone f'pagna 11 tal-"In-Nazzjon Taghna" tat-2 ta' Awissu 1993 jikkontjeni kitba li tingurja lill-attur u tnaqqaslu l-gieh tieghu,

(2) tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni kagunati,

(3) tillikwida d-danni fl-ammont ta’ Lm200, u

(4) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur din is-somma ta’ Lm200.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Onor. Imhallef

Dottor David Scicluna

D/Registratur